FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR L-GIMGHA 9 TA NOVEMBRU 2001

Avviz nru:- 1452/98 DM

Elmo Insurance Services Limited u b'digriet ta' 27 ta' Jannar 2000 giet mitluba iz-zieda ta' Illum Elmo Insurance Agency Ltd ghan-nom u in rappresentanza tal-kumpanija estera Sun Alliance and London Insurance plc bhala surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurat taghha Kevin Brincat u l-istess Devin Brincat u b'digriet ta' 1 ta' Frar 2000 Elmo Insurance Agency Ltd ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija estera Royal & Sun Alliance Insurance plc bhala surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurat taghha Kevin Brincat qed tassumi l-atti tal-kawza minflok l-istess Elmo Insurance Agency.

vs

Elaine Schembri

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi sabiex:

1) Il-konvenuta tkun idikkjarata responsabbli ghall-kollizjoni li grat tort taghha fis-27 ta' Novembru 1997 f' Hamrun By-Pass, Marsa, bejn il-karrozza Fiat Uno CAR 147 misjuqa mill-konvenuta u l-karrozza Daihatsu IAL 078 misjuqa mill-attur Brincat, ta' proprjeta tieghu u assikurata mal-kumpanija attrici u kwindi responsabbli ghad-danni konsekwenzjali; u
2) Sabiex tigi konsegwentement ikkundannatha thallas is-somma ta' mija hamsa u ghoxrin lira Maltin tmienja u tmenin centezmi (Lm125.88) danni kagonati mill-konvenuta kwantu ghas-somma ta mitt lira Maltin tminja u tmenin centezmi (Lm100.88) lill-kumpanija attrici bhala s-somma minnha sbursata taht il-polza u kwantu ghas-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) lill-attur Brincat liema somma huwa bata u hallas minn butu.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta' April 1998, u tar-rikors ghall-finijiet ta' notifika taghha skond l-Art 187(3), Kap 12 u tal-ittra ufficjali kontestwali mibghuta lill-assikurazzjoni tal-istess konvenuta ghall-finijiet tal-ligi u bl-imghax tal-8% mid-data tal-avviz kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn eccepiet:

1 Illi t-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attur, u dan minhabba illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-attur Kevin Brincat, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
2 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tat-23 ta' Novembru 1999 fejn il-konvenuta iddikjarat li m'ghandha ebda kontestazzjoni dwar il-quantum tad-danni.

Semghet ix-xhieda bil-guramen;t.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi definittivament sar kuntatt bejn il-vetturi misjuqin minn l-attur Kevin Brincat u l-konvenuta Elaine Schembri u liema kuntatt kien bejn il-kantuniera ta' wara tan-naha tax-xellug tal-vettura tal-konvenuta mal-kantuniera tan-naha tal-lemin ta' quddiem tal-vettura tal-attur Kevin Brincat.

Id-divergenza bejn il-verzjonijiet rispettivi tal-kontendenti hija illi waqt illi l-attur jikkontendi illi waqt li huwa kien qed jivvjagga fuq il-karreggjata tan-naha tax-xellug tal-Hamrun By-pass kien gie issorpassat mill-konvenuta illi f'daqqa wahda kisret ghal fuq il-karreggjata tieghu b'rizultat illi il-vetturi kellhom il-kuntatt ma xulxin.

Min-naha l-ohra il-konvenuta issostni illi lil-attur ma ratu qatt qabel il-habta u ndunat bil-prezenza tieghu minhabba biss illi saret il-habta u allura tallega illi dan kien hareg mis-'side road' illi hija kellha fuq ix-xellug taghha u ssostni li kienet wkoll qieghdha issuq fuq il-karreggjata tax-xellug tat-triq Hamrun By-pass.

Ghalhekk il-Qorti trid tistabbilixxi liema wahda minn dawn iz-zewg verzjonijiet hija l-iktar verosimili, ossia trid tiddecidi jekk jirrizultawx indizji bizzejjed indikattivi illi l-attur Kevin Brincat kien hareg minn gos-'side road' ghal fuq il-karreggjata tal-konvenuta jew le.

Evidentement dan l-ezami jrid bilfors jiehu in konsiderazzjoni il-posizzjoni tad-daqqiet fuq iz-zewg vetturi. Billi id-daqqiet huma wahda fuq il-lemin tal-vettura tal-attur u l-ohra fuq ix-xellug tal-vettura tal-konvenuta, ghalura, waqt il-habta iz-zewg vetturi kienu ma' genb xulxin u ma setghux ghalhekk, kienu miexjin wara xulxin. Biex setghu kienu ma genb xulxin, ma setghux kienu qieghdin jinsaqu fl-istess karreggjata.

Ghalhekk biex il-konvenuta tkun tista' tikkonvinci lill-Qorti bil-verzjoni taghha, trid perforza tipprova illi l-habta grat meta l-attur Kevin Brincat kien ghadu kemm tfacca fil-karreggjata taghha u ghalura f'posizzjoni ferm qabel ma bdew is-sinjali tal-'brakes' illi huma murija fl-isketch. Dan ukoll allura qed jippresupponi illi l-attur zamm il-'brake' wara illi huwa intlaqat.

Apparti illi dan l-agir ma'hux probabbli id-direzzjoni tal-'brake marks' huma wkoll indikattivi tad-direzzjoni li fiha kien qed jivvjaggia l-attur u din l-indikazzjoni ta' dawn il-marki illi huma angolati f'direzzjoni differenti minn wiehed kien jistenna kieku l-konvenut kien hiereg minn go 'side road', jindikaw appuntu illi l-attur Kevin Brincat kien qed effettivament qed jsuq fil-karreggjata li tipprentendi illi kienet miexja fiha l-konvenuta u allura ma hareg mill-ebda 'side road'.

Oltre dan kien in-nuqqas ukoll tal-istess konvenuta illi tiddikjara illi ma kienet rat lill-attur Kevin Brincat f'ebda mument qabel ma saret il-habta. Ghaliex anke kieku l-istess Bincat kien provenjenti minn xi 'side road' kien ikun dejjem vizibbli ghal dak issewwieq li kien qed jkun prudenti u jiehu l-prekawzzjonijiet kollha meta qed javvicina 'side road' anke meta qed isuq fit-triq principali.

Ghal dawn il-motivi issib illi il-verzjoni tal-atturi hija iktar verosimili minn dik tal-konvenuta u ghaldaqstant qieghdha tilqa t-talba attrici, u filwaqt tiddikjara lill –konvenuta unikament responsabbli ghal-kollizzjoni in kwistjoni qieghda tikkundannaha sabiex thallas id-danni inkontestati fis-somma ta' Lm125.88 (mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmi) lill-atturi, in kwantu ghal Lm100.88 (mitt Lira Maltin u tmienja u tmenin centezmi) lill-atturi Elmo Insurance Services Limited fil-kwalita premessa taghhom u Lm25 (hamsa u ghoxrin lira Maltin) lill- attur Kevin Brincat.

Inoltre il-Qorti tikkundannaha  thallas l-imghaxijiet legali b'effett mit-22 ta' Lulju 1998;

Bl-ispejjes kontra l-konvenuta.

.........................................
Mag. Dr. D. Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep Reg
civ11